# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 1365/92 AJM

Kawza numru

Frankie Refalo fil-kwalita'tieghu ta' direttur tal-kumpanija "Frank's Garage Ltd" ghan-nom, fl-interess u in rappresentanza tal-istess

Vs

Jason Azzopardi u Stanley Portelli

Din is-sentenza preliminari hija limitata ghall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Jason Azzopardi, (illum l-Onorevoli Dr. Jason Azzopardi) fejn qed jigi eccepit illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Din il-kawza tikkoncerna talba ghar-risarciment tad-danni sofferti mill-attur bhala sid vettura tal-kiri li kienet involuta f'incident awtomobilistiku fil-5 ta' Jannar 1990 f'Ghawdex waqt li kienet qed tigi misjuqa mill-konvenut l-iehor Stanley Portelli.

L-eccipjent Azzopardi qed jissottometti li gia la darba huwa ma kienx iffirma l-Hirer Declaration Form fir-rigward tal-vettura involuta

fl-incident, u ma kienx in kontroll tal-vettura in kwistjoni fil-hin tal-incident, huwa ma jista' jkollu ebda responsabbilita' ghad-danni u ghalhekk ghandu jinhareg mill-kawza.

L-attur qed isostni li t-trattativi ghall-kiri tal-vetturi in kwistjoni saru, sa mil-bidu nett, mal-konvenut Azzopardi u kien hu li ha konsenja tal-vetturi u kwindi ghandu jinzamm responsabbli.

Apparti l-kwistjoni ta' responsabbilita' ghad-danni tal-konvenut Azzopardi jirrizulta ex admissis li kien huwa stess li cempel lill-attur biex jibbukja vettura ghal kiri matul il-mawra ta' Azzopardi u shabu f'Ghawdex. Hemm kontestazzjoni dwar jekk kelliex tigi mikrija vettura wahda li tasa' lilhom ilkoll jew zewg vetturi, izda huwa cert li fil-mument li n-negozjati gew konkluzi gew mikrija zewg vetturi.

Issa Azzopardi isostni li huwa kien l-uniku wiehed li kellu licenzja tas-sewqan minn dawk il-persuni li telghu ghand l-attur biex jiehdu konsenja tal-vettura mikrija. Ghalhekk proprjament f'dak il-mument kien Azzopardi biss li seta' jitkellem u jikkonkludi kuntratt ta' kiri ta' vettura ma l-attur. Il-fatt li gie indikat isem ta' persuna ohra fuq il-"Hirer Declaration Form" – li del resto – ma kienetx presenti ghat-trattattivi, ma jbiddel xejn mill-obbligazzjonijiet assunti mill-istess Azzopardi waqt it-trattativi. Biex jehles minn xi obbligazzjoni li huwa kien assuma waqt dawn in-negozjati Azzopardi kien fi dmiru li jressaq il-persuna li isimha tnizzel fuq il-formula tal-kiri tal-vettura – dejjem jekk din kienet ser taccetta l-obbligi naxxenti mill-istess kirja. Dan jirrizulta li ma sarx.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Onor Dr. Jason Azzopardi u tiddikjarah legittimu kontradittur.

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri